# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

## Deċiżjoni numru 2312

Każ numru 3096/JHP

Fil-kwistjoni tax-xogħol

bejn

Lara Boffa
(Id 57380M)
u
Philip Toledo Ltd

dwar tkeċċija mill-impjieg allegata li hi inġusta

**Chairman:** **<u>James Henry Pearsall</u>**

**Illum L-Erbgha 15 ta' Ottubru 2014**

**1. Ir-referenza tal-każ:**

Dan il-każ ġie riferut lit-Tribunal Industrijali permezz ta' nota ta' rikors ippreżentata fir-Reġistru tal-Qorti Superjuri nhar is-27 ta' Diċembru 2012.

Min-naħa tas-Soċjetà intimata, b'nota ta' risposta lit-Tribunal fit-23 ta' Jannar 2013, reġa' ġie ddikjarat li r-rikorrent ġie liċenzjat fuq bażi ta'*redundancy*.
It-Tribunal ħa konjizzjoni tad-dikjarazzjonijiet tal-każ kif ippreżentati miż-żewġ partijiet,u żamm tmien seduti.
Ma kienx possibbli li t-Tribunal jiddeċiedi dan il-każ fiż-żmien kif stabbilit mil-liġi minħabba ċirkustanzi amministrattivi li l-istess Tribunal m'għandux kontroll fuqhom.

**2. Ir-rappreżentanza:**

**2.1** Lara Boffa, li minn issa 'l quddiem ser tissejjaħ ir-rikorrent, kienet megħjuna mill-Avukat Marion Camilleri.

**2.2** Philip Toledo Ltd, li minn issa 'l quddiem ser tissejjaħ is-soċjetà intimata, kienet irrappreżentata mill-Avukat Andrew Borġ Cardona.

**3. Il-fatti tal-każ fil-qosor:**

Ir-rikorrent bdiet l-impjieg tagħha mas-soċjetà intimata fis-sittax ta'Ottubru 2009 fil-kariga ta' *Service Desk Administrator*. F'Ottubru 2010 hija ġiet promossa għall-post ta' *Service Manager* b'kundizzjonijiet u benefiċċji ġodda. Il-post kien fuq bażi *full time* għal żmien indefinit.
Fit-23 ta' Awwissu 2012, ir-rikorrent ġiet infurmata permess ta' ittra, illi l-impjieg tagħha skont il-kuntratt kien ser jiġi terminat mill-1 ta' Settembru tas-sena kurrenti 2012 fuq bazi ta'*redundancy,*kif ukoll ġiet offruta impjieg alternattiv b'paga anqas. Ir-rikorrenti ma laqgħatx din l-offerta.

**4. Il-lista ta' xhieda:**

**4.1** Xhieda mressqa mir-rikorrent (impjegati jew eks-impjegati tas-soċjetà intimata; rappreżentanti tas-soċjeta intimata)

**4.2** Xhieda mressqa mill-intimat (Ray Bonnici;Kenneth Spiteri; Patrick Rossi; l-appellant u xhieda indikati mill-appellant)

**5. Il-lista ta' dokumenti:**

**5.1** Ġew ippreżentati numru ta' dokumenti mmarkati PR1, PR2, PR3, LB1, LB2, impjieg u dokument tat-terminazzjoni tal-impjieg ikkonfermata mill-ETC.

**6. Ġabra fil-qosor tax-xhieda:**

**6.1** Ġie kkonfermat għal diversi drabi li minn mitt impjegat mas-soċjetà intimata, kienet biss ir-rikorrenti li ġiet meqjusa bħala *redundant*.

**6.2 Patrick Rossi:**"...*ddeċidiet illi s-Service Desk Function tiġi assorbita mill Finance Department"* (p3);
"... *kien hemm reorganisation, li dik fissret li s-Service Desk Function ġiet assorbita mill-Finance Department"* (p5).
"... *f'April tal-2012 kellu 14-il maniġer jirrapurtaw lilu. Issa wara r-reorganisation hemm 4 Chief Officers,iġifieri in a way kien hemm ħafna reorganisation però bħala redundancy dan il-każ ta' Ms Boffa".* (p6)

**6.3 Ray Bonnici: "...** *u r-responsabbiltajiet tagħha ġew mogħtija lil persuna oħra bħala parti mill-pożizzjoni li kellu hu diġà u għalhekk dik il-pożizzjoni ġiet redundant ...".*
*"... waqt dan il-meeting Ms Boffa kienet kellmitni fuq xi clashes li kellha ma' kollega, biss fir-rwol tiegħi ta' HR, ... kienet storja li kienet ilha għaddejja minn qabel ma ħadna l-kumpanija aħna, iġifieri kienet storja eżistenti"*(p15).

**Għall-mistoqsija ta' Dr M. Camilleri:**

**Patrick Rossi:** "*Le, konna ffurtunati li din kienet l-unika redundancy*."
"*Yes, kien hemm ċaqliqiġifieri,imma sibna alternattivi, imma din kienet sfortunatament l-unika redundancy*".

**6.4 Dr A Borġ Cardona:** kkonferma li fl-ittra tat-terminazzjoni "*fejn ġiet offruta post ieħor , post inferjuri ħadd mhu qed jgħid li kellek taċċetta bilfors"* (kontro eżami seduta tal-20 ta' Novembru 2014)

## 7. Is-sinteżi tat-trattazzjoni tal-każ:

Fit-trattazzjoni tal-każ, l-**Avukat Andrew Borġ Cardona**, f'isem is-soċjetà intimata kkonferma diversi punti.

Li s-soċjetà intimata għaddiet minn ristrutturazzjoni fejn bidlet xi pożizzjoni kif ukoll doveri ta'persuna li ġiet terminata għal raġuni ta' *redundancy*, kif ukoll li s-soċjetà intimata mxiet mal-liġi fl-għoti tal-obbligi lejn ir-rikorrent fit tmiem tal-impjieg.

L-Avv. Borġ Cardona spejga li d-doveri li kellha r-rikorrenti ġew mogħtija lil diversi impjegati fil-kumpanija u r-rwol tagħha ġie abolit.

Hu enfasizza li r-rikorrenti fl-argumenti tagħha rreferiet x'taħseb u x'kienet qed tħoss bl-atteġġjament kemm minn naħa ta' xi membru tal-*management* kif ukoll minn xi impjegati tal-kumpanija.

L-Avv. Borġ Cardona semma li r-rikorrenti ġiet offruta impjieg alternattiv naturalment b'salarju inferjuri għal li kellha, iżda bl-ebda obbligu u volontarjament.

Hu fisser li kemm-il darba t-tribunal iħares lejn xi kumpens għandu jieħu inkunsiderazzjoni ż-żmien li damet fl-impjieg mas-soċjetà intimata.

**L-Avv. Marion Camilleri** f'isem ir-rikorrent fl-argumenti tagħha spjegat kif fl-hekk imsejjaħ *Heavy Restructuring* ġiet iddikjarata *redundant* persuna waħda (ir-rikorrenti), kif ukoll li fl-għoti ta' impjieg alternattiv ir-rikorrent kien ser ikollha salarju anqas u kundizzjonijiet differenti.

Hi spejgat li r-rikorrenti kellha problema ma' impjegat partikulari, li kien s-subbordinat tagħha u tali problemi kienu jiġu rrappurtati lis-superjuri tagħha ankebil-miktub u dawn ma kinux jingħataw l-importanza tagħhom minħabba raġunijiet diversi.

Dr M. Camilleri spejgat kif ir-rwol bid-doveri li kienet tagħmel ir-rikorrent ġew assorbiti minn impjegat ieħor.

## 8. Il-kunsiderazzjonijiet tat-Tribunal Industrijali:

Meta soċjetà tittermina impjieg fuq bażi ta'redundancy, jeżistu prassi li s-soċjetà għandha timxi magħhom sabiex it-tmiem ta' dal-impjieg iseħħ f'sistema u bi proċeduri ġusti, ekwi u trasparenti, apparti l-osservazzjoni tal-liġi li għandha x'taqsam mar-*redundancy*. Meta soċjetà tiddeċiedi li tagħmel ristrutturar,kif intqal għal

aktar minn darba minn xhieda u trattazzjoni mressqa mis-soċjetà intimata. (Rif Dr A. Borġ Cardona, seduta tas-6 ta' Marzu 2014). Dan dejjem irid isir f'ambitu ta'diversi kriterja.

1. Nuqqas ta' xogħol jew negozju fil-kumpanija, li jirriżulta fi dħul finanzjarju anqas u li konsegwenza ta' dan, in-negozju għas-soċjetà jonqos u jpoġġi f'riskju l-impjieg ta'xi ħaddiem jew ħaddiema.
2. Tibdil ġenerali jew speċifiku tad-doveri fix-xogħol fejn ikunu meħtieġa kapaċitajiet u kompetenzi ġodda minn dawk ta' impjegati eżistenti.
3. Tibdil fin-natura tax-xogħol li kien jeħtieġ ristrutturar sabiex is-soċjetà ttejjeb l-operat b'riżultat li tkun kapaċi żżomm n-numru ta' impjegati relatat.
4. Preżentazzjoni ta' pjan ta' ristrutturar sabiex b'hekk turi n-neċessità reali li tagħmel tnaqqis tal-impjegati.

It-Tribunal Industrijali ħa inkonsiderazzjoni waqt il-ġudizzju tiegħu sabiex jgħarbel sew jekk it-tmiem tal-impjieg tar-rikorrent kienx wieħed ġust għar-raġuni ta' *redundancy.* Dan ukoll sar fl-isfond li s-soċjetà intimata kienet għaddejja minn proċess ta' amalgamazzjoni ma' kumpanija li kienet xtrat lis-soċjetà.

Għalhekk it-Tribunal Industrijali għamel dawn l-osservazzjonijiet.

(1) Ma sar l-ebda pjan ta'ristrutturar sabiex jiġġustifika l-bżonn ta' tnaqqis ta' xi impjieg jew impjiegi.

(2) Ma sarux proċeduri ġusti, li jinkludu konsultazzjoni biex dan ir-*redundancy* iseħħ u l-anqas ma ġiet mogħtija possibiltà lir-rikorrenti għal xi forma ta' appell jew tal-anqas opportunita biex turi l-opinjoni tagħha, rigward dan ir-*redundancy*. Referenza għall-każ (Powell vs Hubbard Group Services 61.p518 Selwyn).

(3) Min iħaddem, f'dan il-każ, is-soċjetà intimata, ma ipprovatx biċ-ċar li kienet qed temmen ġenwinament li r-raġuni primarja sabiex ir-rikorrenti jitterminalha l-impjieg kienet dik biss ta' *redundancy*. (Ref Hindle vs Renewall Boats Ltd 1969 ALLER 836 (CA) Selwyn).

(4) L-opinjoni biss, ta' min iħaddem rigward *redundancy* ma tistax tittieħed fiha nfisha raġuni biżżejjed li din it-tali *redundancy* hija aċċettabli b'mod speċjali meta tiġi kontradetta mill-part l-oħra. (Ref Timex Corporation vs Thomson (1981) IRLR 52).

(5) It-Tribunal Industrijali ra l-punt li anke kieku r-ristrutturar tas-soċjetà intimata, li ġiet integrata f'soċjetà oħra, seħħ minħabba nuqqas ta' xogħol jew qliegħ tas-soċjetà jew riskju ta' qliegħ li seta' tefa' sogru ta' għeluq tas-soċjetà, dan it-Tribunal isibha diffiċli kif, filwaqt li ma kienx hemm l-iċken dubju rigward l-effiċjenza tar-rikorrenti, sfat l-unika maniġer li ġiet meqjusa bħala *redundant*.(Ref xhieda P.Rossi, p6, 22/05/2013).

(6) Li t-tmiem tal-impieg tar-rikorrent fuq bażi tal-hekk imsejjaħ *redundancy* sar sabiex jiġu solvuti problemi ta' bejn ir-rikorrenti u impjegat, li kienu ilhom jiġu rrappurtati lis-superjuri responsabbli u qatt ma ġew mogħtija każ tagħhom mill-HR tas-soċjetà intimata, u li wara kellhom jinġarru mill-kumpanija li xtrat lis-soċjetà. Għalhekk ir-raġuni ta' *Redundancy* ma kinetx waħda valida għall-każ odjern.

(7) It-Tribunal Industrijali meta fehem l-offerta ta' impjieg alternattiv lir-rikorrenti, osserva li tali offerta mhux biss kellha tnaqqis finanzjarju sostanzjali, iżda kienet ser tpoġġi lir-rikorrenti f'sitwazzjoni ferm ambigwa ma' kollegi li filwaqt li kienet il-maniġer tagħhom, issa ser jibda jkollha salarju anqas minnhom.

(8) Ma kienx hemm ħtieġa ġenwina biex isseħħ *redundancy* fuq impjegat wieħed biss, f'dan il-każ ir-rikorrenti.
(9) It-Tribunal innota li anke li-Avv A.Borġ Cardona fit-trattazzjoni tiegħu f'isem is-soċjetà intimata, jagħti wieħed x'jifhem li filwaqt li l-pożizzjoni li kienet tokkupa r-rikorrenti ġiet abolita, id-doveri li kienet tasserrixxi ġew imqassma lil ħaddieħor, għalhekk it-tmiem tal-impjieg tar-rikorrenti ma tistax tiġi kkunsidrata li saret minħabba raġuni ta' *redundancy*

Dawn il-kunsiderazzjonijiet iwasslu lit-Tribunal Industrijali li jkun f'dawl ferm dubbjuż kemm l-applikazzjoni ta' *redundancy* kienet waħda ġenwina. Dan ġie ikkorraborat b'riferenza għall-każ **(Remi Armeni vs Francis Busuttil & Sons Ltd ) deċiża mill-Qorti tal-Appell Onor Imħallef Raymond Pace appell ċivili 40/2010**), fejn il-Qorti tal-Appell irrevoka u biddel id-deċiżjoni tat-Tribunal għal waħda ta' tkeċċija inġusta,wara li ma ġiex aċċettat li t-tmiem ta l-impieg saret minħabba *redundancy.*

**9. Deċiżjoni:**

It-Tribunal Industrijali wara li sema' x-xhieda tal-partijiet, qara s-sottomissjonijiet, evalwa x-xhieda u d-dokumenti kollha, kif ukoll ħa inkunsiderazzjoni tat-trattazzjoni tal-partijiet.jaqta' u jiddeċiedi li t-tmiem tal-impjieg tar-rikorrenti ma kienx jaqa taht ir-raguni ta' *redundancy*, u ghalhekk ma kienx wieħed ġust u raġonevoli.

F'din iċ-ċirkustanza t-tribunal qies iż-żmien li r-rikorrent għamlet fl-impjieg mas-soċjetà intimata, l-età tagħha, kif ukoll il-potenzjal tagħha għall-prospetti ta' xogħol,

Għalhekk jordna lis-soċjetà intimata sabiex tħallas kumpens xieraq fl-ammont ta' tmient elef ewro (8,000 euro). Dan il-kumpens għandu jitħallas lir-rikorrent fi żmien ħmistax-il ġurnata mill-għoti ta' din id-deċiżjoni.

Għall-finijiet ta'Avviż Legali 48 tal 1986, dan it-Tribunal jistabbilixxi d-drittijiet ta' min assista l-partijiet fl-ammont ta' 93 ewro u 17-il ċenteżmu.

B'hekk tintemm din il-kwistjoni tax-xogħol.

(Iffirmat)

James Pearsall

Chairman